Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Numru. 899/2006

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**Vs**

**Charles Cassar bin Joseph u Maria nee' Stellini, imwieled fl-24 ta' Jannar, 1986 u residenti Tarsons Apts, Flat 8,
Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 5586(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Charles Cassar li gie akkuzat talli f'Ghawdex fit-08.06.2006 u l-granet ta' qabel bi ksur tal-artikolu 43 (1) (b) ta' Att ta' 1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitlu



Qrati tal-Gustizzja

409, u bi ksur ta’ l-artikoli 3 (1) u 16 ta’ l-Avviz Legali 175 ta’ l-2004 Regolamenti ta’ 2004 dwar Stabbiliment li Jipprovdu l-Ikel, fit-8 ta’ Gunju, 2006 u l-granet ta’ qabel opera jew ippermetta l-operazzjoni ta’ Nomadi Kiosk (maghruf qabel bhala Qronfli Kiosk) (numru tal-licenzja MK/0036) bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja kif mahruga mill-Awtorita’ peress li ppermetta il-preparazzjoni ta’ ikel li ma kienx inkluz fil-licenzja;

Il-prosekuzzjoni talbet li jekk l-imputat jinstab hati minn din l-Onorabbli Qorti jigi kkundannat ihallas multa ai termini tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 43 (1) u (2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta illi l-imputat ma kienx il-licencee u ghalhekk ma tistax tinstab htija a tenur tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Izda jirrizulta anke minn ammissjoni maghmula mill-imputat stess illi bhala operatur kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja;

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3(1) u 16 ta’ l-Avviz Legali 175 ta’ l-2004 issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------